**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta’ sessjoni*

**B10-0218/2024 }**
**B10-0221/2024 }**
**B10-0226/2024 }**
**B10-0231/2024 }**
**B10-0234/2024 }**
**B10-0236/2024 } RC1**

18.12.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 150(5) u l-Artikolu 136(4) tar-Regoli ta’ Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B10-0218/2024 (The Left)
B10-0221/2024 (Verts/ALE)
B10-0226/2024 (Renew)
B10-0231/2024 (S&D)
B10-0234/2024 (PPE)
B10-0236/2024 (ECR)

dwar ir-repressjoni kontinwa tas-soċjetà ċivili u tal-media indipendenti fl-Ażerbajġan u l-każijiet ta’ Dr Gubad Ibadoghlu, Anar Mammadli, Kamran Mammadli, Rufat Safarov u Meydan TV
(2024/2994(RSP))

**Sebastião Bugalho, Michael Gahler, Željana Zovko, Andrey Kovatchev, Isabel Wiseler-Lima, Mirosława Nykiel, Vangelis Meimarakis, Luděk Niedermayer, Sandra Kalniete, Ingeborg Ter Laak, Tomáš Zdechovský,**

**Wouter Beke, Jessica Polfjärd, Jan Farský**
f'isem il-Grupp PPE
**Yannis Maniatis, Francisco Assis, Matthias Ecke, Udo Bullmann**
f'isem il-Grupp S&D
**Bert-Jan Ruissen, Charlie Weimers, Sebastian Tynkkynen, Beatrice Timgren, Assita Kanko, Joachim Stanisław Brudziński, Alexandr Vondra**
f'isem il-Grupp ECR
**Petras Auštrevičius, Malik Azmani, Dan Barna, Helmut Brandstätter, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Karin Karlsbro, Ľubica Karvašová, Nathalie Loiseau, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Hilde Vautmans, Lucia Yar**
f'isem il-Grupp Renew
**Lena Schilling, Markéta Gregorová**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Marina Mesure**
f'isem il-Grupp The Left

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-repressjoni kontinwa tas-soċjetà ċivili u tal-media indipendenti fl-Ażerbajġan u l-każijiet ta' Dr Gubad Ibadoghlu, Anar Mammadli, Kamran Mammadli, Rufat Safarov u Meydan TV**
**(2024/2994(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ratifikata mill-Ażerbajġan,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi mill-2023, l-awtoritajiet tal-Ażerbajġan kienu involuti f'attakki sistemiċi kontra s-soċjetà ċivili, l-oppożizzjoni politika, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-komunità LGBTI+ u l-media indipendenti, li intensifikaw matul il-COP29;

B. billi fl-Ażerbajġan hemm aktar minn 300 priġunier politiku, kif ukoll 23 priġunier tal-gwerra Armen, inklużi mexxejja tal-ex repubblika awtoproklamata ta' Nagorno-Karabakh;

C. billi Gubad Ibadoghlu, priġunier politiku u finalist tal-Premju Sakharov 2024, għadu qed jinżamm taħt arrest domiċiljari; billi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li l-kundizzjoni ta' saħħtu hija kritika, filwaqt li jeħtieġ jiġi rikoverat l-isptar u li ssirlu kirurġija tal-qalb urġenti;

D. billi l-mexxej tas-soċjetà ċivili Anar Mammadli ilu minn April 2024 taħt arrest preventiv fuq akkużi foloz, filwaqt li s-saħħa tiegħu qed tmur lura minħabba li qed jiġi mċaħħad mill-kura tas-saħħa;

E. billi fil-bidu ta' Diċembru 2024, l-awtoritajiet tal-Ażerbajġan arrestaw lill-ġurnalisti ta' MeydanTV Aynur Ganbarova, Aytaj Ahmadova, Khayala Agayeva, Natig Javadli u Aysel Umudova, kif ukoll lill-ġurnalisti Ramin Jabrayilzade u Ahmad Mukhtar; billi arrestaw ukoll lill-Viċi Direttur tal-Iskola tal-Ġurnaliżmu ta' Baku Ulvi Tahirov, il-mexxej politiku Azer Gasimli u d-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Rufat Safarov; billi kollha qed iħabbtu wiċċhom ma' akkużi bla bażi u b'motivazzjonijiet politiċi;

F. billi l-attivista ambjentali Kamran Mammadli ġie attakkat minn gwardji tas-sigurtà waqt il-COP29 u huwa pprojbit milli jivvjaġġa;

G. billi d-drittijiet tal-bniedem tal-priġunieri jinkisru b'mod regolari permezz ta' detenzjoni f'kundizzjonijiet inumani, tortura u fastidju speċifiku tal-priġunieri politiċi nisa, inkluża Nargiz Absalamova;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-allegat ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem mir-reġim tal-Ażerbajġan, inklużi l-libertajiet ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda paċifika, u l-abbuż politikament motivat tal-istess reġim tas-sistema tal-ġustizzja kriminali;

2. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan biex b'mod immedjat itemmu l-attakki kontra l-gruppi kollha ta' dissidenti u jeħilsu mingħajr kundizzjonijiet u jwaqqgħu l-akkużi kollha kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti, l-attivisti politiċi u attivisti oħra li qed jiġu proċessati mill-qrati fuq akkużi foloz u motivati politikament;

3. Jitlob li l-awtoritajiet biex b'mod immedjat ineħħu l-projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar ta' Ibadoghlu, u jwaqqgħu mingħajr kundizzjonijiet l-akkużi kollha kontrih u jippermettulu jirċievi trattament urġenti barra mill-pajjiż; jiddeplora l-fatt li Ibadoghlu ma tħalliex jattendi għaċ-ċerimonja tal-Premju Sakharov jew jingħaqad magħha b'mod remot;

4. Jistieden lill-Ażerbajġan ineħħi r-restrizzjonijiet mhux dovuti fuq il-media indipendenti billi jallinja l-liġijiet tiegħu dwar ir-reġistrazzjoni u l-finanzjament ta' gruppi mhux governattivi u tal-media mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja; jitlob li l-awtoritajiet itemmu r-repressjoni ta' MeydanTV, ToplumTV, Abaz Media u Kanal13;

5. Jitlob li jiġu imposti sanzjonijiet tal-UE fl-ambitu tar-reġim globali tagħha ta' sanzjonijiet b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem fuq uffiċjali tal-Ażerbajġan responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi Fuad Alasgarov, Vilayat Eyvazov and Ali Naghiyev;

6. Jinsisti li kwalunkwe ftehim ta' sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan, inkluż dwar l-enerġija, jeħtieġlu jkun kundizzjonali ħafna fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha; jistieden lill-Kummissjoni tissospendi l-Memorandum ta' Qbil tal-2022 dwar Sħubija Strateġika fil-Qasam tal-Enerġija;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-VP/RGħ, lill-Istati Membri u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ażerbajġan.